DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR191283** **10.06.2019**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU**

***Il-Prim Ministru Joseph Muscat f'diskussjoni mal-Core Group tal-MEUSAC bi tħejjija għall-Kunsill Ewropew tal-20 u l-21 ta' Ġunju – is-sħab soċjali u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili bi proposti dwar Malta fl-Unjoni Ewropea***

Waqt laqgħa tal-Core Group tal-MEUSAC bi tħejjija għall-Kunsill Ewropew li jmiss, il-Kap tal-MEUSAC Mandy Falzon ippreżentat rapport lill-Prim Ministru dwar is-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea u l-irwol tagħha għas-snin li ġejjin.

Fid-diskors tiegħu l-Prim Ministru Joseph Muscat fisser li fost il-prijoritajiet ewlenin għax-xhur li jmiss hemm il-ħatriet tal-kapijiet tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea. F'dan ir-rigward żied li aktar mill-ismijiet, hu importanti l-viżjoni tagħhom għall-futur tal-Unjoni Ewropea. Dr Muscat semma wkoll l-Aġenda Strateġika 2019-2024 għall-futur tal-Unjoni u l-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 bħala temi ewlenin li se jittratta l-Kunsill Ewropew li jmiss. Fir-rigward tal-Baġit Ewropew, il-Prim Ministru qal li d-diskussjonijiet mistennija jintemmu lejn Marzu tas-sena d-dieħla.

B'referenza għall-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea, il-Prim Ministru qal li jeħtieġ li ssir reviżjoni tar-regolamenti kollha fejn tidħol l-industrija biex dik Ewropea tibqa' kompetittiva ma' swieq oħra. Dr Muscat tkellem ukoll dwar il-prinċipju tal-libertà tal-moviment, iż-żona Schengen u l-immigrazzjoni, b'enfasi fuq il-ħtieġa ta' solidarjetà bejn l-istati membri.

Meta mistoqsi mill-membri tal-Core Group dwar il-passi li jmiss b'rabta ma' Brexit, Joseph Muscat qal li r-Renju Unit għandu jiddeċiedi xinhuma l-prijoritajiet tiegħu li sal-lum għadhom mhux ċari, u ċioè jekk iridx ftehim mal-Unjoni Ewropea jew mal-Istati Uniti, li għandhom standards kompletament differenti u għaldaqstant huma prattikament esklussivi għal xulxin.

Fl-intervent tagħha, il-Ministru għall-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza Helena Dalli qalet li l-gvern qed jaħdem biex l-irwol ta' Malta fl-Unjoni Ewropea jkun aktar effettiv, b'mod partikolari permezz ta' aktar Maltin f'karigi fl-istituzzjonijiet Ewropej. F'dan ir-rigward, Dr Dalli qalet li qed issir ħidma mill-Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza flimkien mal-Istitut għall-Istudji Ewropej fl-Università ta' Malta.

Fuq nota oħra, il-Ministru saħqet dwar l-importanza li għandha tingħata lill-azzjoni fuq it-tibdil fil-klima b'mod speċjali fil-kuntest tal-immigrazzjoni, u tenniet l-impenn tal-Gvern Malti li jżomm dawn it-temi fuq quddiem nett tal-aġenda Ewropea.

Is-Segretarju Parlamentari Aaron Farrugia qal li lil hinn mid-diskussjonijiet dwar id-direzzjoni strateġika tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni li jmiss, hu importanti li Malta ma titlifx iċ-ċans li



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt

jkollha numru ta’ Maltin fil-kabinett tal-kummissarji l-ġodda biex b’hekk ikollna vuċi ferm aktar b’saħħitha għas-snin li ġejjin.

Dwar il-qafas finanzjarju plurinneali, Aaron Farrugia qal li l-gvern se jibqa’ għaddej bin-negozjati fuq livell settorjali biex iħares iċ-ċirkostanzi speċifici ta’ pajjiżna. Fl-aħħar nett Aaron Farrugia awgura lill-Membri Parlamentari Ewropej Maltin eletti u qal li se jistidinhom biex jikkontribwixxu għal-laqgħat tal-Core Group tal-MEUSAC.